



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 104/26

Il-Lussemburgu, 16 ta' Lulju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-258/23 | *Imagens Médicas Integradas*, C-259/23 | *Synlabhealth II et* C-260/23 | *SIBS – Sociedade Gestora de Participações Sociais et*

Spezzjonijiet ta' awtorità tal-kompetizzjoni: id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix is-sekwestru mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel maħruġ minn qorti ta' posta elettronika professjonali skambjata bejn l-impjegati u d-diretturi tal-impriżi suġġetti għal investigazzjoni

Madankollu, id-dritt nazzjonali għandu jipprevedi qafas strett tas-setgħat tal-awtorità tal-kompetizzjoni kif ukoll garanziji adegwati u suffiċjenti kontra l-abbużi u l-aġir arbitrarju, b'mod partikolari permezz ta' sħarriġ ġudizzjarju ulterjuri effettiv

Fil-kuntest ta' investigazzjoni li tikkonċerna prattiki antikompetittivi, l-Awtorità tal-Kompetizzjoni Portugiża ssekwestrat, minn ġewwa l-bini tal-kumpanniji taħt investigazzjoni, posta elettronika skambjata bejn l-impjegati u dawn il-kumpanniji. Huma kkontestaw is-sekwestru ta' posta elettronika, billi qiesu li dan missu ġie awtorizzat minn qorti istruttoria pjuttost milli mill-Prosekutur Pubbliku. Il-qorti Portugiża li eżaminat il-kawżi adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li s-sekwestri mwettqa jikkostitwixxu limitazzjonijiet mhux biss għad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, iżda wkoll għad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Madankollu dawn il-limitazzjonijiet jidhru li huma ġġustifikati mill-għan ta' interess ġenerali mmirata lejn iż-żamma ta' kompetizzjoni mhux distorta. Barra minn hekk, dawk jidhru li huma proporzjonati. Minn dan jirriżulta li **d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala prinċipju, il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li bis-saħħa tagħha, fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar allegat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni**, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tipproċedi, f'**bini professjonali jew kummerċjali, għas-sekwestru ta' posta elettronika** li l-kontenut tagħha huwa relatat mas-suġġett tal-ispezzjoni **mingħajr ma jkollha awtorizzazzjoni minn qabel maħruġa minn qorti**.

Madankollu, fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel maħruġa minn qorti, is-sekwestri għandhom ikollhom **qafas legali u għandhom ikunu strettament limitati u suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju ulterjuri komplet**. Barra minn hekk, meta s-sekwestru ta' dokumenti jsir minn telefoni ċellulari, kompjuters jew mezzi informatiċi oħra użati kemm għal finijiet privati kif ukoll għal finijiet professjonali, **l-aċċess għad-data maħżuna fihom jista' jikkostitwixxi ndħil serju, jew saħansitra partikolarment serju fid-drittijiet fundamentali inkwistjoni**. F'tali każ, **l-aċċess għal din id-data għandu jkun suġġett għal sħarriġ minn qabel ta' qorti jew ta' entità amministrattiva indipendenti**.

Fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni ¹, l-awtoritajiet Portugiżi ssekwestraw dokumenti professjonali meħuda minn posta elettronika skambjata bejn l-impjegati u d-diretturi tal-kumpanniji taħt investigazzjoni. Huma kkontestaw dan is-sekwestru billi sostnew li d-dritt tagħhom għas-sigriet tal-komunikazzjonijiet ² kien inkiser u li kellha tkun il-qorti istruttoria, iktar milli l-Prosekutur Pubbliku, li kellha tawtorizza tali sekwestri.

Il-qorti Portugiża li qed teżamina l-kawżi staqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk l-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur kinitx suffiċjenti.

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **l-posta elettronika ta' natura professjonali**, skambjata bejn l-impjegati u d-diretturi ta' impriża permezz tal-mailbox tagħha, **għandha titqies li hija komunikazzjoni protetta mid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja**. Il-fatt li, fid-dawl tal-forma u tal-kontenut tagħha, posta elettronika tista' tiġi kklassifikata bħala "professjonali" ma jfissirx li tista' tiċċaħħad minn din il-protezzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li s-sekwestru tad-dokumenti kkonċernati mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni Portugiża **jista' jikkonċerna mhux biss id-dritt għar-rispett tal-komunikazzjonijiet, iżda wkoll id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali**³. F'dan ir-rigward, hija tosserva li s-sekwestru ta' posta elettronika mwettaq waqt ispezzjonijiet f'bini professjonali jikkostitwixxu **limitazzjonijiet ċari tal-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet**.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li tali limitazzjonijiet jistgħu jkunu permessi jekk ikunu previsti mil-liġi, jirrispettaw il-kontenut essenzjali tad-drittijiet ikkonċernati, jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali u jkunu proporzjonati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **f'dan il-każ jidher li dawn il-kundizzjonijiet ġew issodisfatti**. Hija tosserva b'mod partikolari li l-awtoritajiet **ma għandhomx aċċess illimitat u ġġeneralizzat għall-kontenut tal-posta elettronika u ta' mailboxes elettroniċi u li d-data li tinsab f'dawn il-komunikazzjonijiet hija tali li ma tistax tintuża għal finijiet oħra għajr l-identifikazzjoni tal-aġir antikompetittiv li huwa s-suġġett tal-investigazzjoni**, bil-konsegwenza li jidher li l-kontenut essenzjali tad-drittijiet ġie rrispettat. Hija tqis li **l-garanzija ta' kompetizzjoni mhux distorta hija għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni Ewropea**.

Fir-rigward tal-proporzjonalità tal-miżura, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis ukoll li l-importanza li jgħib miegħu dan **l-għan tista' tiġġustifika ndħil fid-drittijiet inkwistjoni u li ebda metodu ieħor**, daqstant effikaċi u inqas ta' theddida għal dawn id-drittijiet, ma jippreżenta ruħu bħala **alternattiva sodisfaċenti**. Fir-rigward tan-natura proporzjonata tal-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet inkwistjoni, b'mod iktar konkret tal-**gravità** tagħha, li tirriżulta mill-fatt li s-sekwestru seħħ mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel maħruġa minn qorti, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva **li tali sekwestru huwa ġeneralment irregolat minn garanziji** proċedurali intiżi li jiżguraw, b'mod partikolari, is-sigurtà, l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' din id-data. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tad-**dritt tal-Unjoni** dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni **ma jirrikjedux il-ħruġ, minn qorti, ta' awtorizzazzjoni li tippreċedi** spezzjoni mwettqa f'bini professjonali.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, **fl-assenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel maħruġa minn qorti**, il-protezzjoni tal-individwi kontra l-abbużi u l-arbitrarjetà tirrikjedi **regolamentazzjoni u limitazzjoni stretta tal-miżuri inkwistjoni**, kif ukoll garanziji taħt forma ta' **stħarriġ ġudizzjarju ulterjuri komplet**. Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li, fil-każijiet eżaminati, l-ispezzjonijiet u s-sekwestri ġew awtorizzati mill-Prosekutur Pubbliku Portugiż, li huwa awtorità ġudizzjarja awtonoma. L-awtorizzazzjoni tiegħu tidher li tikkontribwixxi għar-regolamentazzjoni stretta tal-ispezzjonijiet u sekwestri mwettqa, b'mod partikolari fir-rigward tad-determinazzjoni tal-opportunità, tat-tul u tal-portata materjali tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara riżerva: ma jistax jiġi eskluż li fost il-mezzi li fuqhom inżammet il-posta elettronika inkwistjoni u li għalihom l-ispetturi setgħu jaċċedu kien hemm **telefoni ċellulari, kompjuters jew mezzi informatiċi oħra li kienu jappartjenu lid-diretturi u lill-impjegati tal-impriżi** suġġetti għall-investigazzjoni. Peress li tali apparati jistgħu jintużaw simultanjament għal finijiet privati u għal finijiet professjonali jew kummerċjali, **l-aċċess għad-data maħżuna fihom jista' jagħti lok għal indħil serju, jew saħansitra partikolarment serju, fid-drittijiet fundamentali inkwistjoni**, peress li din id-data kollha tista' tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi ħafna dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata. Jekk dan ikun il-każ, **l-aċċess għal din id-data għandu jkun suġġett għal stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti** li jkollha s-setgħat kollha u tippreżenta l-garanziji kollha neċessarji sabiex tiżgura konċiljazzjoni tal-interessi leġittimi differenti u tad-drittijiet inkwistjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ, u fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ B'mod iktar partikolari, dawn l-investigazzjonijiet kienu jikkonċernaw, rispettivament, prattika miftiehma potenzjali bejn impriżi li ħolqot żieda fil-prezzijiet fil-provvista ta' servizzi ta' teleradjoloġija lil sptarjiet li kienu jagħmlu parti mis-servizz nazzjonali tas-saħħa (Kawża C-258/23), akkordju potenzjali relatat mal-prezzijiet tat-testijiet għall-"Covid 19" mitluba mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika Portugiżi (Kawża C-259/23) u suspett ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti fil-qasam tat-trattament tal-pazjenti (Kawża C-260/23).

² Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li "[k]ull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha".

³ Protetti mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.